**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**

**Onor. Imhallef Dr Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Appell numru: 8/2019**
**Wara sentenza tat-Tribunal Industrijali**
**datata 24 ta' Jannar, 2019**

**Carmen Abela**

**vs.**

**Centro Management Limited**

**Illum 12 ta' Dicembru, 2019**

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell tar-rikorrenti Carmen Abela minn decizjoni tat-Tribunal Industrijali datata 24 ta' Jannar, 2019 fejn gie deciz kif isegwi:

*'Mehuda inkonsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, dan it-Tribunal qed jiddecidi li l-kuntratt definit tar-rikorrenti ma ggedditx skont il-Ligi*

*u skont il-kuntratt bejn il-partijiet u ghaldaqstant is-socjeta' intimata qed tinghata ragun li mxiet skont il-Ligi.'*

2. Illi d-decizjoni appellata ssegwi ilment tar-rikorrenti quddiem it-Tribunal Industrijali fejn issottomettiet illi hija kienet giet ingaggata mas-socjeta' intimata fuq bazi 'part time' bhala 'Sales Assitant' u dan ghal perjodu ta' madwar hdax-il xahar. Illi hija kienet impejgata fuq bazi definita ta' tlett xhur liema tlett xhur setghu jigu estizi awtomatikament sa massimu ta' erba' snin. Ir-rikorrenti sostniet li fis-16 ta' Novembru, 2016 hija rceviet ittra li kienet tinfurmaha li l-kuntratt taghha ma kienx ser jigi estiz u ghalhekk l-impjieg taghha kien ser jigi terminat mid-data tat-30 ta' Novembru 2016. Ir-rikorrenti sostniet ukoll li l-impjieg taghha ma giex estiz minghajr ebda raguni valida fil-ligi. Ir-rikorrenti talbet li tigi dikjarat t-tkeccija ngusta mill-impjieg taghha kif ukoll il-hlas ta' danni u reintegrazzjoni fl-impjieg.

Fir-risposta taghha s-socjeta' intimata ssottomettiet illi hija kellha dritt ma ggediddx il-kuntratt definit tar-rikorrenti u dan skond il-kuntratt definit ta' l-impjieg iffirmat bejn is-socjeta' intimata u r-rikorrenti datat l-1 ta' Dicembru, 2015. Sostniet ukoll li r-rikorrenti thallset dak kollu dovut lilha u li ma kienx dovut l-ebda kumpens.

3. Illi t-Tribunal wasal ghad-decizjoni tieghu li t-talba tar-rikorrenti ma kellhiex tigi milqugha wara li sema' bosta xhieda u ra d-dokumenti esebiti u wara li ghamel il-konsiderazzjonijiet segwenti:

*'It-Tribunal ghandu biex jikkunsidra jekk it-terminazzjoni tar-rikorrenti saritx b'mod gust u skont il-Ligi.*

*Ir-rikorrenti kienet impjegata fuq kuntratt ta' tlett xhur li kien jiggedded, u jekk le, hemm gimgha notice. Il-kuntratt kien jiggedded b'mod awtomatiku jekk ma jinghatax notice mill-partijiet u l-kuntratt jigi indefiti wara erba (4) snin. Ukoll il-parti li twaqqaf l-impjieg qabel l-iskadenza, trid thallas nofs il-pagi sa d-data ta' l-iskadenza lill-parti l-ohra.*

*Gara, li fir-raba' perjodu ta' tlett xhur, is-socjeta' intimata infurmat lir-rikorrenti li l-kuntratt mhux se jiggedded u li se tkun imwaqqfa minnufih, jigifieri ma kinitx se tithalla tahdem sa l-iskadenza tal-kuntratt.*

*L-ittra kellha d-data ta' 18 ta' Novembru, 2016, meta l-kuntratt kien jaghlaq fit-30 ta' Novembru, 2016. Ma din l-ittra kien hemm cekk b'dak dovut lir-rikorrenti sat-30 ta' Novembru, 2016.*

*Dan kollu jidher li sar skont il-kuntratt esebit u skont il-Ligi.*

*Irrid nghid li s-socjeta' itnimata uriet li ghandha diversi nuqqasijiet amministrattivi. M'hu professjonali xejn xejn li timpjega nies u ttijhom il-kuntratt xhur wara, kif ukoll d-disorganizzazzjoni li jidher li kien hemm fuq kundizzjonijiet bazici ta' leave, sick leave, workings pro-rata, overtime etc.*

*Irrid nghid ukoll li x-xhieda ta' Joanne Scicluna u ta' Phyllis Ellul ma kienu konvincenti xejn bit-tahwid ta' spjegazzjonijeit li taw u ghamilt eccezjoni li hallejthom ikomplu jixhdu.*

*It-Tribunal innota ukoll settlement bejn is-socjeta' intimata u DIER fuq flus ohra dovuti lir-rikkorent u li dan is-settlement thallas.'*

Konsegwentement it-Tribunal ghadda sabiex jichad it-talbiet tar-rikorrenti kif gia suespost.

4. Rat illi r-rikorrenti appellat mis-sentenza tat-Tribunal u l-aggravju tal-appellanti fil-qosor jikkonsisti f'nuqqas ta' qbil mas-socjeta' appellata dwar liema kienet id-data tal-impjieg tar-rikorrenti appellanti. L-appellanti ssostni li hija bdiet tahdem mas-socjeta' intimata nhar it-23 ta' Novembru 2015 u mhux nhar l-1 ta' Dicembru, 2015 kif issostni s-socjeta' intimata. L-appellanti taghmel referenza in sostenn tal-aggravju taghha ghal *payslip* esebita fl-atti a fol. 113 tal-process tat-Tribunal Industrijali li turi li hija rceviet hlas ta' paga sa mit-23 ta' Novembru, 2015 u mhux mill-1 ta' Dicembru, 2015. Issostni wkoll li l-kuntratt ta' mpjieg esebit (ara fol. 33 u 34 tal-process quddiem it-Tribunal) ghalkemm gie ffirmat minnha dan inghata lilha xi xahrejn wara li bdiet tahdem mas-socjeta' intimata waqt li hija kienet qieghda xoghol u ntalbet tiffirma l-istess. Dan il-kuntratt igib id-data tal-1 ta' Dicembru, 2015. In vista ta' dan kollu l-appellanti ssostni li la darba l-impjieg taghha beda fit-23 ta' Novembru, 2015:

'allura hija baqat fl-impjieg sa sena wara u cioe sat-30 ta' Novembru 2016, liema data ma hemmx kontestazzjoni fuqha, allura l-appellata kienet diga bdiet tlett xhur ohra mill-kuntratt definit taghha u ghalhekk l-appellanti ghandha tithallas mit-23 ta' Novembru 2016 sal-1 ta' Frar 2017 u cioe tlett xhur ohra mill-kuntratt definit illi hija iffirmat ghalih.'

Permezz tal-appell taghha r-rikorrenti talbet ukoll l-isfilz ta' dokumenti tal-ETC esebiti fl-atti quddiem it-Tribunal stante li ssostni li dawn ma gewx guramentati.

5. Rat illi s-socjeta' intimata fir-risposta taghha fl-ewwel lok qajjmet l-eccezzjoni li l-appell tar-rikorrenti huwa biss kontestazzjoni tal-fatti kif apprezzati mit-Tribunal u ma jikkonsistix f'punt ta' ligi u ghalhekk inammissibbli. Dwar l-isfilz tad-dokumenti tissottometti li t-talba ghall-isfilz taghhom kellha ssir quddiem it-Tribunal u mhux fi stadju ta' appell. Dwar id-data tal-bidu tal-impjieg s-socjeta' intimata appellata ssostni li hemm inkonsistenza kbira fis-sottomissjonijiet tal-appellata dwar liema verament kienet id-data tal-impjieg taghha fejn ghalkemm fl-appell tindika d-data tat-23 ta' Novembru, 2015 effettivment mill-*payslip* jirrizulta li dakinhar ma thallset xejn u s-sieghat huma zero appuntu ghax ma hadmitx u wkoll tinsisti li fi stadju quddiem it-Tribunal ir-rikorrenti enfasizzat id-data tal-24 ta' Novembru, 2015 fit-trattazzjoni filwaqt li fix-xiehda taghha l-appellanti semmiet id-data tas-26 ta' Novembru, 2015. Ghal dawn ir-ragunijiet is-socjeta' appellata talbet li dan l-appell jigi michud.

6. Semghet it-trattazzjoni tal-appell tal-partijiet fis-seduta tal-11 ta' Ottubru, 2019 u ddifferiet l-appell ghad-decizjoni ghal-lum.

7. Rat ix-xiehda, dokumenti, esebiti u l-atti kollha.

**Konsiderazzjonijiet**

8. Illi dwar it-talba ghall-isfilz ta' dokumenti din il-Qorti taqbel mar-risposta tas-socjeta' intimata appellata li din it-talba kellha ssir fil-mument li dawn id-dokumenti gew esebiti fi stadju ta' smigh quddiem it-Tribunal u mhux fi stadju ta' appell. Ghaldaqstant tichad it-talba ghall-isfilz tad-dokumenti imsemmija.

9. Fil-mertu tal-aggravju l-Qorti rat illi l-ittra datata 18 ta' Novembru, 2016 mibghuta mis-socjeta' intimata lir-rikorrenti taqra kif isegwi:

*'Contract of Termination*

*This letter shall acknowledge that the contract between us dated 1st December 2015 and which contract will expire on the 30th Novembr 2016 will not be renewed.'* *(fol. 10)*

Rat illi mix-xiehda ta' Owen Lee Camilleri jirrizulta li r-rikorrenti ntalbet ma tmurx aktar fuq il-post tax-xoghol sahansitra hmistax-il gurnata qabel l-iskadenza tal-kuntratt fejn intalbet tohrog bil-*leave*

minhabba xi glied li nqala' appuntu fuq il-post tax-xoghol. Hija giet infurmata verbalment li l-kuntratt taghha ma kienx ser jerga' jigi mgedded. L-istess Owen Lee Camilleri jikkonferma li hija thallset paga sat-30 ta' Novembru, 2016. Jixhed ukoll li fis-17 ta' Novembru, 2016 huwa rega' nforma verbalment lir-rikorrenti li l-kuntratt taghha ma kienx ser jigi mgedded. Jinsisti li originarjament il-kuntratt gie mghoddi lill-appellanti ghall-firma f'Dicembru, 2015 u mhux fi Frar kif issostni hi u li l-impjegati kollha kienu gew infurmati li l-kuntratti ta' mpjieg kienu kollha ser jibdew mill-1 ta' Dicembru, 2015 stante li l-istabbiliment fejn kienu ser jahdmu kien ser jiftah ufficjalment minn dakinhar. Jghid ukoll li l-appellanti qablet ma' dan kollu.

Rat illi x-xiehda ta' Joanne Scicluna u Phyllis Ellul ex-impjegati wkoll tas-socjeta' intimata bl-ebda mod ma jikkorobaraw il-versjoni tal-fatti tal-appellanti stante li dawn jixhdu biss fuq dak li sehh lilhom fejn sahansitra Joanne Scicluna giet impjegata ferm wara r-rikorrenti.

Rat illi fix-xiehda taghha l-appellanti a fol. 88 tal-process qalet li hija bdiet tahdem nhar is-26 ta' Novembru, 2015 filwaqt li l-hanut fetah nhar it-28 ta' Novembru, 2015. Tinsisti li l-kuntratt inghata lilha fi Frar u tghid li gieghla tiffirmah. Tixhed dwar incident li kellha mal-'manager' tal-istabbiliment waqt il-hin tax-xoghol u li hija qatt ma nghatat 'warnings'. Tghid li ma qratx il-kuntratt u ffirmatu ghax kellha n-nies. Tghid ukoll li hija fdat lil ta' fuqha. Tikkonferma izda li hija nghatat kopja tal-kuntratt li ffirmat. A fol.

104 tal-process tikkonferma li fis-16 ta' Novembru, 2016 hija giet infurmata li l-kuntratt taghha ma kienx ser jigi mgedded. Tikkonferma wkoll li kienet intalbet tohrog bil-'leave'. Dan terga' ssostnieh fix-xiehda taghha a fol. 144 et seq. Tixhed ukoll li hija bdiet tahdem f'impjieg iehor minn nhar il-5 ta' Dicembru, 2016.

Il-Qorti rat ukoll li mill-payslip a fol. 113 tal-process jirrizulta li l-ewwel data li l-appellanti rceviet hlas minghand is-socjeta' intimata kienet fid-data tal-24 ta' Novembru, 2015 u dan b'kuntrast mad-data li xehdet fuqha l-istess rikorrenti fejn semmiet id-data tas-26 ta' Novembru, 2015 u wkoll b'kuntrast mal-appell odjern fejn tissemma' d-data tat-23 ta' Novembru 2015.

Rat mit-trattazzjoni kif traskritta illi l-konsulent legali tal-appellanta nsistiet li d-data ta' mpjieg tar-rikorrenti kienet dik tal-24 ta' Novembru, 2015 filwaqt li l-intimata insistiet li kienet irrilevanti d-data tal-impjieg stante li hija giet infurmata li l-kuntratt taghha kien ser jigi terminat sa mis-16 ta' Novembru, 2015 data li fi kwalunkwe kaz hija ferm qabel id-dati pretizi mir-rikorrenti.

Illi mid-decizjoni appellata jirrizulta li t-Tribunal qies kemm li s-socjeta' intimata nfurmat verbalment lir-rikorrenti li l-kuntratt taghha ma kienx ser jiggedded u li ntalbet tohrog bil-leave, liema data l-partijiet jaqblu li kienet dik tas-17 ta' Novembru, 2015 kif l-ittra li kienet iggib id-data tat-18 ta' Novembru, 2016 u li permezz taghha r-rikorrenti giet infurmata bil-miktub li l-kuntratt taghha

ma kienx ser jigi mgedded. Konsegwenti ghal dawn il-konsiderazzjonjiet it-Tribunal wasal ghal konkluzjoni li l-kuntratt tar-rikorrenti ma giex imgedded skont il-ligi u cahad it-talbiet taghha.

Jirrizulta lil din il-Qorti minn dak kollu suespost li l-aggravju mqajjem mir-rikorrenti quddiem din il-Qorti jikkonsisti merament f'nuqqas ta' qbil mal-apprezzament tal-provi tat-Tribunal li kkonsidra fid-decizjoni tieghu li fi kwalunke kaz, la darba hija giet infurmata li l-kuntratt taghha ma kienx ser jigi mgedded sa mis-17 ta' Novembru, 2016 bil-fomm u mit-18 ta' Novembru, 2016 bil-miktub, kif ukoll il-fatt li hija ma dahlitx aktar ghax-xoghol mis-17 ta' Novembru, 2016, per konsegwenza, kien irrilevanti jekk id-data tal-bidu tal-impjieg kinitx it-23, l-24 jew is-26 ta' Novembru, jew l-1 ta' Dicembru stante li hi giet infurmata qabel li ma kienx ser jiggedded u entro t-terminu ta' gimgha mpost fil-kuntratt.

Din il-Qorti filwaqt li fi kwalukwe kaz tiddikjara li in vista tal-konsiderazzjoni suesposti hija taqbel mal-konkluzjoni tat-Tribunal, tqis izda li la darba jirrizulta li l-aggravju tal-appellanti huwa purament dwar nuqqas ta' qbil mal-apprezzament tal-fatti da parti tat-Tribunal, tilqa' r-risposta tas-socjeta' intimata f'dan ir-rigward u ser tghaddi sabiex tichad l-appell odjern.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha sueposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta u tiddeciedi dan l-appell billi filwaqt li tilqa' r-risposta tas-socjeta' appellata, tghaddi sabiex tichad l-appell.**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti.**

**Imhallef Dr Joanne Vella Cuschieri**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**